**PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 8 TA' FRAR, 2023**

**Rikors Revoka 897/2022 RGM**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju nru. 1208/2017 fl-ismijiet:**

**PKR Construcion Co. Ltd (C 62237)**

**vs.**

**Massimo Fenech**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

1. Rat ir-rikors ta' Massimo Fenech (**ir-Rikorrent**) tat-3 ta' Ottubru, 2022 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talab lill-Qorti

sabiex ai termini tal-Artikolu 836 (1) (a), (b), (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li lura fis-sena 2017 kien inħareġ fuq talba ta' PKR Construction Co. Ltd (**PKR** jew **l-Intimata**), liema mandat ġie akkordat fl-1 t'Awwissu 2017. Ir-Rikorrent talab ukoll sabiex il-Qorti "tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas penali lill-esponenti ai termini tal-Artiklu 836 (8) (d)".

2. B'digriet tas-7 ta' Ottubru, 2022 il-Qorti ordnat in-notifika lil PKR bil-fakolta ta' risposta fi żmien sebat ijiem u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għall-24 ta' Ottubru, 2022.

3. Peress li r-rikors ma ġiex notifkat lil PKR is-smiegħ ġie differit diversi drabi sakemm finalment PKR ġiet notifikata fl-1 ta' Diċembru, 2022.

4. Fit-12 ta' Diċembru, 2022, wara li PKR naqset milli tippreżenta risposta fit-terminu mogħti, ir-Rikorrent ippreżenta rikors fejn talab lill-Qorti sabiex tiddekreta r-rikors b'urgenza in camera u tħassar is-seduta tas-smiegħ.

5. B'digriet tal-15 ta' Diċembru, 2022 il-Qorti laqgħet it-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorja u ordnat il-ħruġ tal-kontro mandat relattiv pero' ma ħassritx is-smiegħ tar-rikors fuq il-kumplament tat-talbiet, senjatament it-talba għall-kundanna u ħlas ta' penali.

6. Fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2023 dehret l-avukat tar-Rikorrent u talbet li r-rikors jitħalla għal digriet kamerali dwar it-talba għall-penali.

Ikkunsidrat;

**Fatti**

7. Fil-21 ta' Lulju 2017 PKR kienet istitwit kawża kontra r-Rikorrent[1] fejn ippremetiet li bi skrittura tas-27 ta' Lulju 2016 hija ingħatat appalt għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni f'sit ġewwa l-Mosta, proprjeta tar-Rikrrent. Ippremettiet ukoll illi l-Perit Robert Grech kien ħareġ kont tax-xogħolijiet li kienu saru fis-somma ta' €91,352.38. Peress li skond PKR minn din is-somma r-Rikorrent ħallas akkont l-ammont ta' €67,000 hija ħarrket lir-Rikorrent sabiex jiġi kkundannat iħallas il-bilanċ ta' €24,352.38.

8. Fl-14 t'Awwissu 2017 PKR talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1208/17 għas-somma ta' €24,352.38 deskritta bħala bilanċ minn somma akbar, prezz ta' xogħol ta' kostruzzjoni.

9. B'risposta ġuramentata tas-17 t'Awwissu 2017 ir-Rikorrent kien ikkontesta t-talba ta' PKR għall-ħlas tas-somma imsemmija aktar 'l fuq. Il-konvenut ippreżenta wkoll kontro-talba fejn wara li ppremetta li d-data li kienu qablu fuqha fl-iskrittura kellha tiġġeded u dan għaliex ix-xogħol kien tardiv u li x-xogħol ma kienx qed isir skont is-sengħa u l-arti u li fil-kors tax-xogħolijiet PkiR kienet ikkawżati ħsarat fil-fondi tal-ġirien talab il-ħlas tad-danni u ta' penali skond l-iskrittura ta' bejniethom.

10. Fl-ewwel seduta tas-smiegħ ta' dik il-kawża din il-Qorti diversament ppreseduta nnominat perit legali u perit tekniku sabiex jisimgħu l-provi kollha kemm dwar it-talbiet attriċi kif ukoll dwar dawk rikonvenzjonali u jirrelataw.

---

[1] PKR's Construction Co. Ltd vs. Massimo Fenech (Rik Ġur 662/2017 CFS).

11. B’nota tal-4 ta’ Ottubru 2021, il-Qorti ġiet informata li quddiem il-periti ġudizzjarji kienu ingħalqu l-provi kollha tal-partijiet u li l-partijiet ingħataw il-fakolta li jressqu sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub quddiem il-periti ġudizzjarji qabel jirrelataw.[2]

12. PKR ippreżentat in-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha fit-30 ta’ Novembru 2021[3] filwaqt li r-Rikorrent ippreżenta n-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu fl-24 ta’ Jannar 2022[4].

13. Ġara iżda li fis-seduta tas-26 t’April 2022, l-avukati ta’ PKR ippreżentaw nota li permezz tagħha irrinunzjaw għall-patroċinju ta’ PKR. Il-Qorti għalhekk ordnat lil PKR sabiex fis-seduta li kien imiss tinforma kif kienet ser tirregola ruħha. Fl-istess ħin il-Qorti issospendiet l-inkarigu tal-esperti ġudizzjarj. Fis-seduta sussegwenti li nżammet fis-27 ta’ Ġunju 2022 ġie vverbalizat hekk:

> “L-avukata Bugeja titlob illi l-konvenut jigi mehlus mill-harsien tal-gudizzju skont l-Artikolu 199(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan minhabba n-nuqqas ta' dehra tal-kumpannija rikorrenti.
>
> Il-Qorti tqis li l-avukati li kienu qeghdin jidhru ghall-kumpannija rikorrenti rrinunzjaw ghall-patrocinju b'nota mressqa fis-26 ta' April, 2022 u li sal-lum l-ebda avukat iehor ma assuma l-patrocinju tal-kumpannija rikorrenti. Barra minn hekk, minkejja dak li gie verbalizzat fis-seduta li ghaddiet, il-kumpannija rikorrenti ghazlet li ma tattendix ghas-seduta tal-lum. Ghalhekk il-Qorti tqis li t-talba tal-konvenut taht l-Artikolu 199 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija gustifikata u b'hekk qieghda tehles lill-konvenut mill-harsien tal-gudizzju bi spejjez, inkluz dawk li ghandhom x'jaqsmu max-xoghol tal-esperti gudizzjarji, jithallsu mill-kumpannija rikorrenti.

[2] Fol 179 tal-proċess allegat.
[3] Fol 184 et seq tal-proċess allegat.
[4] Fol 192 et seq tal-proċess allegat.

Dan id-digriet qed jinghata bla hsara ghar-rimedju li jissemma fl-Artikolu 199 (3) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta."

14. B'digriet tat-28 ta' Settembru 2022 din il-Qorti diversament presjeduta, wara li rat li għaddew aktar minn tliet xhur mid-digriet u ħadd ma ressaq rikors taħt l-Artikolu 199 (3) tal-Kapitolu 12, ikkanċellat il-kawża u ordnat lir-Reġistratur sabiex ineħħi dawk il-proċeduri b'mod permanenti minn fuq il-lista tal-kawżi attivi.

15. Minn eżami tal-atti tal-kawża fil-mertu jirriżulta (i) in-numru ta' seduti li kienu inżammu quddiem il-periti ġudizzjarji; (ii) li sal-11 t'Ottubru 2018 is-soċjeta PKR kienet eżawriet il-provi tagħha għal dak li jirrigwarda t-talba prinċipali, b'riżerva ta' provi dwar it-talbiet rikonvenzjonali tar-Rikorrent; (iii) li fil-11 ta' Diċembru 2019 ir-Rikorrent iddikjara li eżawrixxa l-provi kollha tiegħu; (iv) li fit-30 ta' Settembru 2021 ġie dikjarat li l-istadju tal-ġbir tal-provi quddiem l-esperti ġudizzjarji kien magħluq u (v) li l-avukati ta' PKR dehru għas-seduti kollha li nżammu quddiem il-periti ġudizzjarji filwaqt li għal maġġor parti tas-seduti dehru wkoll ir-rappreżentanti tal-istess soċjeta.

16. Lur fit-8 ta' Marzu 2022, ir-Rikorrent kien ippreżenta fl-atti tal-kawża fil-mertu rikors fejn talab lill-Qorti (i) tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1208/2017 (l-istess mandat mertu tal-proċeduri odjerni) (ii) tikkundanna lis-soċjeta PKR tħallas penali ai termini tal-Artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12 u (iii) tikkundanna lill-istess soċjeta tħallas danni kkawżati bl-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

17. B'digriet tal-24 ta' Marzu 2022, din il-Qorti diversament presjeduta ċaħdet it-talbiet kollha u dan wara li fir-rigward tat-talba għall-ħlas ta' penali ikkonkludiet illi:

> "........ il-qorti ma jidhrilhiex li hemm raġunijiet siewja għala għandha twaħħal penali lil PKR's Construction Co. Ltd skont l-**artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan għaliex ma ħariġx li dan il-mandat inħareġ b'ħażen, bl-addoċċ jew mingħajr ġustifikazzjoni ta' xejn;"

18. Wara li kif rajna l-kawża fil-mertu ġiet kanċellata b'digriet tat-28 ta' Settembru, 2022, Massimo Fenech ippreżenta r-rikors odjern fejn talab (i) ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju peress li l-kawża fil-mertu ġiet kanċellata; u (ii) tikkundanna lil PKR tħallas lil Massimo Fenech penali ai termini tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12.

19. Wara diversi tentativi bla suċċess, is-soċjeta' intimata PKR ġiet finalment notifikata fl-1 ta' Diċembru, 2022 iżda naqset li tippreżenta nota/risposta fit-terminu mogħti li kien jiskadi fid-9 ta' Diċembru, 2022.

20. Fit-12 ta' Diċmbru, 2022 ir-Rikorrent ippreżenta rikors fejn talab li jiġi trattat b'urġenza peress li għalkemm il-kawża fil-mertu kienet ġiet kanċellata kien għadu qed ibati l-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

21. B'digriet tal-15 ta' Diċembru, 2022 din il-Qorti laqgħet it-talba sabiex jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1208/2017 u ħalliet is-smiegħ tar-rikors promotur għas-seduta tas-26 ta' Jannar, 2023 limitatament dwar it-talba għall-kundanna ta' penali kontra PKR ai termini tal-Artikolu 836 (8) (d) tal-Kapitolu 12.

22. Fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2023 deheret biss l-avukat tar-Rikorrent u talbet li r-rikors jitħalla għal digriet dwar it-talba għall-penali.

Ikkunsidrat;

23. Is-**sub-artikolu (8) (d) tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12** jipprovdi illi:

> "(8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:
>
> [...]
> (d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja."

24. Għandu jingħad li l-impożizzjoni tal-penali hija sanzjoni fakoltattiva u hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tgħabbix o meno persuna b'piena ta' ħlas ta' penali. Magħdud ma' dan, sabiex tiġi imposta sanzjoni jeħtieġ jintwera għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi indikati fl-istess artikolu.[5] Il-penali maħsuba fis-sub-artikolu (8) hija ta' ordni pubblika intiża sabiex tiżgura s-serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix l-istut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż. B'danakollu, il-penali m'għandhomx ikunu imposti b'mod u manjiera li tnissel biża' fil-persuna li teħtieġ tagħmel użu mill-mandat kawtelatorju. Kif ġie ripetutament ritenut minn dawn il-Qrati, minn jaġixxi biex jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu ma jistax jiġi punit talli għamel dan, anke f'każ fejn l-azzjoni tiegħu ma jkollhiex eżitu favorevoli.[6]

25. Ingħad fid-digriet tat-23 t'Awwissu 2018 ta' din il-Qorti diversament preseduta fir-rikors fl-ismijiet **Joseph Demicoli vs. Coleiro General Supplies Ltd** li:

---

[5] **Palumbo Malta Shipyard Limited (C 48983) vs Il-Bastiment 'MV Gulf City' (IMO: 8104553)** deċiż fit-22 ta' Marzu 2016**.**

[6] Ara **Emanuel Gauci noe et vs. Michelina Bugeja et** deċiża fis-6 ta' Mejju 2014 kif ukoll **Joseph sive Joe Parnis et vs. Raymond Pace et** deċiża fit-28 ta Settembru 2001.

"ġeneralment, l-abbuż mill-proċedura ġudizzjarja jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nfisha. Fejn ikun hemm element ta' aġir fieragħ fi proċedura ġudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju. F'dan ir-rigward ingħad li għalkemm ir-raġunijiet li għalihom min ikun talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju jista' jinsab ħati għad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taħt ir-regoli ġenerali tar-responsabbilta` irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja;"

26. Fil-każ tal-lum, ir-Rikorrent isejjes ir-raba' u l-ħames talba tiegħu fuq il-kawżali li l-mandat inħareġ b'ħażen u b'mod fieragħ u abbużiv. Dwar din il-kawżali Fenech jgħid fir-rikors tiegħu li l-fatt li l-kawża fuq imsemmija issa ġiet abbandunata hija turija ċara kemm il-mandat kien wieħed malizzjuz, frivolu u vessatorju.

27. Il-Qorti tibda billi tosserva li l-*bona fede* hija preżunta u li l-malizzja (ħażen / qerq) irid jiġi ppruvat mill-persuna li qiegħda tagħmel l-allegazzjoni.[7] In oltre ġaladarba s-sekwestrat qiegħed jibbaża t-talba tiegħu fuq il-premessa li l-mandat mhux talli kien malizzjuz izda kien ukoll frivolu u vessatorju, kien jeħtieġlu juri li l-mandat ta' sekwestru kawtelatroju kien żejjed, bla ħtieġa jew vojt kif ukoll li l-mandat sar biex idejqu.

28. It-talba ta' Massimo Fenech għall-ħlas ta' penali hija msejsa fuq il-fatt li fl-aħħar stadji tal-kawża fil-mertu PKR naqset milli tidher għas-seduta quddiem il-Qorti wara li l-avukati li kienu qed jippatroċinawha irrinunzjaw għall-patroċinju. Bil-konsegwenza li l-kawża ġiet ikkanċellata u ma saritx talba fit-terminu legali sabiex tiġi riappuntata.

[7] **Olympia Christina Scerri vs. Theresa Zahra et.** - Prim' Awla - 4 ta' Ottubru, 2011

29. Eżaminati l-atti huwa mill-ewwel evidenti għal din il-Qorti illi t-talba għall-ħlas tal-penali ma hiex fondata.

30. Fit-talba tiegħu għall-kundanna ta' PKR għall-ħlas ta' penali, ir-Rikorrent jinvoka artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 li jipprovdi illi l-Qorti tista' tikkundanna l-min jottjeni l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju jekk jirriżulta illi **"t-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja."** Il-*punctum termporis* għall-konsiderazzjoni ta' talba għall-ħlas ta' penali taħt dan l-artikolu huwa l-mument li fih ikun ġie intavolat ir-rikors jitlob il-ħruġ tal-mandat kawtelatorju u mhux xi mument wara l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju skond il-liġi. Issa kif ġia rajna aktar qabel, ir-Rikorrent kien diġa intavola quddiem il-Qorti li kienet qed tisma' l-kawża fil-mertu rikors simili bħal dak odjern inkluż talba għall-kundanna ta' ħlas ta' penali.

31. B'digriet tal-24 ta' Marzu, 2022 it-talba preċedenti tar-Rikorrent għall-kundanna ta' PKR għall-ħlas ta' penali minħabba l-ħruġ tal-istess mandat kawtelatorju kienet ġiet miċħuda wara li dik il-Qorti ikkonkludiet illi "…ma jidhriliex li hemm raġunijiet siewja għala għandha twaħħal penali lil PKR's Constructiion Co. Ltd. ….. Dan għaliex ma ħariġx li dan il-mandat inħareġ b'ħażen, bl-addoċċ jew mingħajr ġustifikazzjoni ta' xejn."

32. xaBil-fatt li kif rajna aktar qabel il-kawża fil-mertu ġiet kanċellata ma jfissirx li f'daqqa waħda mandat kawtelatorju jitqies li mill-bidunett kien inħareġ ħażin. Aktar u aktar fil-każ odjern meta fuq talba identika tar-Rikorrent matul il-kawża fil-mertu it-talba tiegħu għall-kundanna ta' PKR għall-ħlas ta' penali ġiet miċħuda peress li ma kienx irriżulta li l-mandat inħareġ b'ħażen, bl-addoċċ jew mingħajr ġustifikazzjoni ta' xejn.

33. In konklużżjoni, mandat kawtelatorju validament mitlub u maħruġ ma jġibx fuq min talbu s-sanzjoni tal-penali kontemplata fl-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 jekk kemm-il darba l-kawża fil-mertu tiġi kanċellata anke għal raġunijiet imputabbli lil min ikun talab il-ħruġ ta' tali mandat.

34. Mhux eskluż li r-Rikorrent għandu dritt għal azzjonijiet oħra minħabba li PKR ma talbitx minn jeddha r-revoka tal-mandat kawtelatorju una volta l-kawża minnha promossa ġiet kanċellata mingħajr ma ġiet riappuntata. Pero' tali azzjoin ċertament li ma hiex dik kontemplata fl-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tipprovdi definittivament dwar it-talba fir-rikors tat-3 ta' Ottubru 2022 għall-ħlas tal-penali ai termini tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta billi tiċħadha.

Fiċ-ċirkostanzi, anke peress li s-soċjeta' intimata ma ppreżentatx risposta, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Mogħti kameralment illum 8 ta' Frar, 2023.**

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**